ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

## Seduta Laqgħa Annwali tal-Lokalita ĦAL QORMI
## It-Tlieta 9 ta' April 2024

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 9 ta' April 2024, fis-Sala tas-Socjo Muzikali Anici fi Triq Dun Gwakkin Schembri, Ħal Qormi fit-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento -Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Doris Zammit - Kunsillier
George Muscat - Kunsillier
Marvin Zammit - Kunsillier
Dr Sean Apap Meli - Kunsillier (online)
Daniel Ablett - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara - Viċi Sindku
Carmelo Cuschieri - Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

**ASSENTI**

Abigail Sammut - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt - Deputat Segretarju Eżekuttiv

TALBA

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal it-talba.

**LAL/24/01 INTRODUZZJONI MIS-SINDKU**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** irringrazzja lill-Kunsilliera li għoġobhom jattendu għal din il-laqgħa. Is-Sindku kompla jispjega li din il-laqgħa annwali kienet qed issir sabiex jingħata rapport tal-ħidma tal-Kunsill għas-sena 2023 u fl-istess ħin tingħata ħarsa tal-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena 2024.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento irringrazzja lir-residenti li għoġobhom jattendu għal-laqgħa tal-Lokalita. Is-Sindku semma li il-Laqgħa tal-Lokalita u il-Laqgħat li saru f'diversi postijiet f'Ħal Qormi matul l-aħħar sena, ma jkollhomx attendenza numeruża.

**LAL/24/02 RAPPORT TA' ĦIDMA MILL-KUNSILLIERA**

**LAL/24/03** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** spjega li din se tkun l-aħħar laqgħa tal-lokalita għalih bħala Kunsillier. Beda biex irringrazzja lis-Sindki u lil Kunsilliera li ħadem magħhom. Huwa awgura lil 11 il-kandidat elett fl-elezzjoni li imiss. Ħeġġeġ lill-kunsilliera li se jkunu eletti sabiex jibqgħu f'kuntatt mar-residenti dejjem. Fakkar li il-kunsill għandu poteri limitati u min ikun elett ma għandux iwiegħed affarijiet li impossibbli li isiru. Huwa ħeġġeġ li min se jkun elett għandu jidħol fil-kunsill biex jgħin u mhux biex jagħti il-gambetti.

**LAL/24/04** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** tkellem fuq l-importanza li min joħroġ għal-Kunsill għandu jagħmel dan b'missjoni u mhux għall-affarijiet oħra. Semma kemm il-Kunsill Lokali Ħal Qormi għamel xogħol minkejja id-diffikultajiet li kien għaddej minnhom. Huwa saħaq li jixtieq li ikun hemm titjieb fl-indafa tal-lokalita. Ġibed l-attenzjoni li jixtieq li jara aktar preżenza fil-laqgħat organizzati mill-kunsill Lokali. Saħaq ukoll li jixtieq li f'Ħal Qormi tiġi indirizzata il-problema tat-traffiku.

**LAL/24/05** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** spjega li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi għamel dak kollu li huwa possibbli minnu. Huwa spjega li kemm ilhu fil-Kunsill tgħallem li il-kunsill Lokali jiffaċċja diversi sfidi u problemi li ma tkunx taf bihom minn barra. Spjega kemm il-Kunsill jipprova jagħmel affarijiet iżda ftit isib koperazzjoni mill-entitajiet. Ħeġġeġ sabiex il-kandidati li ħerġin joħorġu għal-Kunsill għaliex għandhom il-Lokalita ta' Ħal Qormi għal-qalbhom.

**LAL/24/06** **Il-Kunsillier Doris Zammit** spjegat kif sentejn ilhu hija nħatret Kunsillier ta' Ħal Qormi. Semmiet kemm f'dawn is-sentejn kienet ta' servizz u għajnuna għal-Kunsill. Spjegat kemm pruvat tressaq l-ilmenti, tkun accessibli u iltaqgħet mal-għaqdiet tal-lokal. Semmiet ukoll li kellha diversi laqgħat mal-anzjani u organizzat ħargiet kemm Malta u anke Għawdex. Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi wettaq ħolma li kellha il-Kunsillier Zammit dik li itella is-Serata Guze Muscat Azzopardi u jwaħħal lapida bhala tifkira mad-dar ta' Tabib Frank Muscat fi Triq San Bartolomew. F'dawn is-sentejn ħadet ħsieb ukoll il-gazzetta tal-Kunsill id-Dielja. Spjegat illi fil-prezent hawn min għadu juza bankini biex jaqdi il-garaxxi u jagħmlu rampi huma fuq il-bankini. Appellat biex in-nies ma jabbuzawx u jgħamlu rampi huma, għax ikunu ta' periklu.

**LAL/24/07** **Il-Kunsillier George Muscat** sellem lill-kandidati prezenti għal-laqgħa. Semma li il-Kunsilliera dejjem ħadmu id f'id għal gid tal-lokalita, inkluz il-mozzjonijiet. Kemm ilhu fil-Kunsill tgħallem jaħdem f'tim li dejjem poggew lil Ħal Qormi fuq quddiem.

**LAL/24/08** **Il-Kunsillier Ralph Puli** spjega li bħala Minority Leader dejjem prova jigbed linja tal-kunsill u mhux linja politika. Huwa ferah lil kandidati prezenti u stqarr li qed jiehu pjacir li se jikkontestaw hafna kandidati. Semma kif il-finanzi tal-kunsill huma limitati. Mill-fondi tal-Kunsill qed noħorgu aktar fondi minħabba il-gbir tal-iskart. Semma kemm il-kritika mhiex gusta, għax il-fondi tal-Kunsill naqsu. Il-Kunsillier Puli semma li it-toroq qed isiru b'finanzjament ta' Infrastruttura Malta. Huwa irringrazzja lil min kien ta' servizz fil-Kunsill u li issa mhux se jerga

jikkontesta, lil dawk li se jerġgħu jikkontestaw u lil kandidati il-ġodda li se jigu eletti. Huwa qal li ma jridx li il-kandidati il-godda jidħlu fil-Kunsill biex jagħmlu il-bsaten fir-roti u ħeġġeġ biex minflok jidħlu fil-Kunsill biex jaħdmu flimkien.

**LAL/24/09 Diskors mis-Sindku**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** stqarr li il-Kunsill Lokali Hal Qormi kien team tajjeb. Semma li ġieli ikun hemm min igerger li ma isir xejn, izda fil-verità saru ħafna affarijiet. Fosthom:

- Play area ġdida fi Vjal de La Cruz
- Play area u art gdida fi Gnien Tumas Fenech
- Ġie introddot it-transport b'xejn għall-anzjani
- Qed jitħallsu councillors fl-iskejjel
- Restawr fuq diversi statwi u nicec
- Ftehim mal-għaqdiet lokali
- Venti Music Festival
- Qormi Wine & Cheese Festival
- Attivita tal-Milied
- Treasure Hunt
- Qormi Battlemax
- Dokumentarju tal-anzjani
- Inbeda il-proċess għar-restawr tal-Mitħna
- Fanali ornamentali fi Triq il-Kbira
- Fanali ornamentali fi Triq San Rafel
- Fanali ornamentali Fuq tal-Blat
- Dawl tat-toroq qed jibidel għall-LED

**LAL/24/10 MISTOQSIJIET MILL-PUBBLIKU**

Il-pubbliku preżenti ġibed l-attenzjoni dwar dawn il-punti:

- Hsarat fuq id-dawl tat-toroq minn naħa tal-Enemalta qed idumu ma jigu imsewwija
- Gnien De La Cruz gie issugerit li jistghu isiru aktar affarijiet fih
- Triq San Bastjan hemm bzonn li tigi irrangata
- Gie ssuġġeriet li għandu ikun hemm uffiċċjali tal-infurzar mar-roundabouts fil-ħinijiet tat-traffiku
- Gie issuġġeriet li issir lane ghas-Supermarket Pavi, sabiex ma jkunx hemm ostaklu tat-traffiku.

- Talba sabiex isir progett biex jitnaqqas it-traffiku fl-akwata tar-roundabout quddiem il-Monument Vittmi tal-Gwerra
- Saret talba biex Triq Dun Rene Cilia issir one way ghall-saghtejn filghodu.
- Ġie issuġġeriet biex l-attivitajiet tal-Kunsill jigu irreklamati fuq l-istazzjoni Lehen il-Belt Gorgjana
- Saret riferenza ghall bust li thallas mil-pubbliku tal-kantant John Laus li sa issa ma jistax jitwahhal ghaliex Gnien F Maempel ma giex approvat mill-Awtorita tal-Ippjanar.
- Gie issugeriet li jergghu isiru il-Bring In Sites, specjalment tal-hgieg.
- Isemmiet it-telqa li tħalla min Project Green fil-gnien li sar fuq il-wied.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija.

Dr Josef Masini Vento
Sindku

Marilyn Baldacchino Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum 9 ta' Mejju 2024